# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

## *Rapport Amministrattiv Annwali*

## *għas-sena 2019*

Dan ir-rapport amministrattiv ikopri s-sena 2019.

Matul is-sena li qed tispiċċa, il-Kunsill Lokali tal-Imġarr kien fis-sitt sena tas-seba' leġislatura tiegħu u, mill-1 ta' Lulju daħal fl-ewwel parti tat-Tmien Leġislatura tiegħu.

Hawnhekk ta' min jirringrazzja lill-Eman Vella, Elia Borg u Mario Sammut tal-ħidma tagħhom u li issa m' għadhomx jiffurmaw parti mill-Kunsill, filwaqt li nawgura ħidma fejjieda lill-Kunsilliera il-ġodda, Wistin Vella, Tiziana Borg Busuttil u Odette Muscat, filwaqt li Paul Vella u Clayton Gauci servew u qed iservu fuq dawn iż-żewġ kunsilli.

Il-Kunsill Lokali huwa kommess sabiex ikun ta' servizz lejn il-kommunita' u għaldaqstant, minbarra l'irwol tiegħu hekk kif deskritt fil-Liġi, Kap 363 tal-Liġijiet ta' Malta , matul il-leġislatura kollha, joħloq, jorganiżża u jmexxi attivitajiet u proġetti bl-għan li jtejjeb il-kwalita' tal-ħajja taċ-ċittadini tal-lokalita'. Dawn li ġejjin huma parti minn dawn l-attivitajiet u avvenimenti li seħħew matul is-sena 2019.

B' kollox, matul din is-sena se jkunu ssejjħu 14 -il seduta tal-Kunsill.

### Ġieħ l-Imġarr

Waħda mill-aktar avvenimenti importanti u mistennija fil-lokalita' hija l-lejla ta' 'Ġieħ l-Imġarr' fejn fiha nies li jkunu ħadmu b' risq dan ir-raħal u dak kollu marbut miegħu, jingħataw apprezzament għall-ħidma tagħhom. Fl-attivita' tal-2019, reġa' ġie mgħoti wkoll premju speċjali għall-kategorija taż-żgħażagħ. Din hija attivita' ferm mistennija mil-lokalita'.

**Festa Frawli**

Attivita' oħra ferm mistennija kemm mill-Maltin kif ukoll mill-barranin hija dik ta' Festa Frawli, organiżżata mill-Kummissjoni Lejla Mġarrija. Il-Kunsill jagħti l-għajnuna tiegħu fil-koordinament ta' din l-attivita'annwali.

Festa Frawli saret tiġbed numru impressjonanti ta' nies minn kull settur tas-soċjeta' fosthom diversi personaġġi distinti u politiċi. Hi okkażżjoni li barra li toffri l-opportunita' lill-bosta nies li jżura il-lokalita' tagħna, toffri wkoll mezz fejn il-kommunita' Imġarrija tingħaqad flimkien, taħdem flimkien u tkabbar is-sens ta' mħabba lejn dan ir-raħal. Din is-sena, din l-attivita' kelli tiġi posposta bi' ftit ġimgħat minħabba l-maltemp, imma xorta waħda kienet suċċess.

**Korsijiet**

Waħda mill-aktar rwoli importanti tal-Kunsill huwa dak li jippromwovi aktar tagħlim extra-kurrikulari fost il-popolazzjoni tal-lokalita'. Għaldaqstant ġew organizzati korsijiet immirati apposta għall-setturi varji tas-soċjeta'. Saru korsijiet ta' Xogħol tal-idejn u Food handling, fost oħrajn.

**TAĦDIET**

Saru ukoll numru ta' tahditiet fuq temi u suggetti li għandhom rabtiet mal-Mgarr kemm fil-Kunsill kif ukoll f' postijiet ta' mportanza fil-lokalita'.

**L-GĦASFURA**

Tkompla u ġie fi' tmiemu il-proġett tar-resawr tas-sit tal-Għasfura fejn il-Kunsill, flimkien mal-Universita' ta' Malta u l-HSBC (Malta) Foundation, irriġenera sit taż-żmien l-Ingliżi. Ix-xoghlijiet fuq dan is-sit tkomplew fl-ewwel parti tas-sena u il-post ġie uffiċċjalment miftuħ f'April.

**GDPR & DATA PROTECTION**

Matul din is-sena, il-Kunsill beda' bi proċess ta' tisħiħ tal-obligi tiegħu fejn jidħlu il-proċeduri ta' GDPR u ħarsien tal-informazzjoni personali. Dan biex

jassigura li jkun konfermi ma' dawn il-proċeduri u obligi legali li kulma jmur qed isiru aktar ebsin, kif ukoll biex jassigura li kull min jagħmel użu mis-servizzi tal-Kunsill ikollu rasu mistrieħa li l-informazzjoni li qed tingħabar qed tiġi proċessata b' mod li tħares id-drittijiet tiegħu jew tagħha.

**ALWIZA**
Xogħol importanti ieħor li sar din is-sena kien jinkludi it-tibdil tad-dwal kollha fi' Ġnien l-Alwiża u biswit il-ground tal-football. Dan kollu b' investiment ta' madwar 35,000 Ewro. Issa id-dwal huma aktar moderni, siguri, innaqqsu il-light polution u fuq kollox li jikkunsmaw inqas enerġija.

**HANDYMAN**
It-toroq u l-bankini madwar l-Imġarr inżammu f'kundizzjoni tajba permezz ta' manutenzjoni kontinwa tal-handymen, li kienu responsabbli għal dan ix-xogħol, filwaqt li nqata' l-ħaxix b'mod kontinwu mit-toroq rurali.

Hawnhekk ma nistax ma nsellimx il-memorja ta' żewġ membri tal-istaff li ħallewna matul din is-sena : Paul Grech magħruf magħna lkoll bħala il-Ġonos, u Ivan Giliberti. It-tnejn li huma kienu ħaddiema leali tal-Kunsill u l-preżenza tagħhom tinħass ħafna bla dubju ta' xejn. Nitlobkom tagħmlu ftit mumenti ta' skiet biex niftakru fihom.

**TM & PULIZIJA**
Matul is-sena, il-Kunsill kellu anke numru ta' Laqgħat mal-ghola ufficcjali ta' Transport Malta kif ukoll mal-Pulizija tat-Traffiku biex it-toroq taghna jkunu aktar siguri u jitnaqqsu il-periklu, kif ukoll, fejn hu possibli, tittaffa' l-problema tat-traffiku fil-lokalita'.

**TRIQ SIR HARRY LUKE**
Kif qed insemmu dawn il-laqgħat, wieħed ma jistax ma jsemmix il-laqgħat li l-Kunsill kellu dwar il-proġett tal-bini mill-ġdid ta' Triq Sir Harry Luke. Din it-triq kienet ġiet individwata minn Infrastructure Malta sabiex tinbena mill-ġdid bis-servizzi b' kollox, b' bankini ġodda, etċ. Saret l-ewwel laqgħa ma'

Infrastructure Malta f' Lulju fejn fiha tħejja pjan fejn kien ikkonfermat li kienu ser jingħaddu servizzi ġodda, fosthom tad-dranaġġ u li x-xogħol kellu jibda' l-għada tal-festa ta' Santa Marija, jiġifieri it-Tnejn 19 ta' Awwissu. Il-Kunsill ħa ħsieb jinforma lir-residenti dwar dan kif ukoll ħejja għall-soluzzjonijiet temporanji biex Triq San Pietru tintuża bħala alternattiva.
Meta dan ix-xogħol ma bediex kif mifthiem, il-Kunsill reġa' sejjaħ għal-laqgħa oħra fejn ġejna infurmati li id-dranaġġ ma kienex se jsir mill-ġdid. Għall-dan, il-Kunsill oġġezzjona peress li kien konxju tal-problemi li hemm fi' Triq Sir Harry Luke minħabba id-dranaġġ kif ukoll minħabba l-fatt li fil-passat l-ilma tax-xita ġiet imdawwar għal ġol-katusi tad-dranaġġ. Il-Kunsill baqa jsostni li kien hemm bżonn li dan is-servizz isir, u bgħatt korrispondenza anke lill-Ministru Ian Borg. Il-Kunsill agħmel ukoll laqgħa mal-Water Services Corporation biex tinstab soluzzjoni u l-Ministru wegħdna li kien ser jindaħal biex tinstab soluzzjoni bejn Infrastructure Malta u l-Water Services Corporation, iżda s' issa, u minkejja diversi tfakkiriet, din is-soluzzjoni għada ma nstabitx. Il-Kunsill ser jibqa' kommess biex iġib 'il quddiem il-leħen u l-bżonnijiet tar-residenti qabel kull konsiderazzjoni oħra.

**SKART**
Fejn jidħol l-immanniġġjar tal-iskart, il-Kunsill dejjem jipprova jkun pro-attiv kemm jista. Kif tafu, matul l-aħħar parti tas-sena l-oħra daħlet fis-seħħ fuq bażi nazzjonali l-iskema tal-iskart organiku. L-Imġarr kien fost l-ewwel postijiet f' Malta li daħal dan il-proġett pilota. Lejn l-aħħar tas-sena, il-Kunsill ħaseb biex waqt it-tibdil tal-ġranet tal-ħbir tal-iskart, jieħu ħsieb iddaħħal ġabra extra tal-borza s-sewda nhar ta' ħames wara diversi suġġerimenti tar-residenti.

Barra minn hekk, il-Kunsill ħa ħsieb jikkoordina numru ta' ġranet fejn ir-residenti setgħu jiġbru il-bramel tal-iskema Sort It Out biex jiffaċilita il-ġbir għar-residenti. Dan sar kemm mill-Imġarr kif ukoll miż-Żebbiegħ. L-Imġarr kien ukoll wieħed mill-ewwel lokalitajiet fejn beda' jiġi il-vann tal-istess skema biex jiġbor skart li ma jinġabarx mill-kolletturi.

Matul is-sena il-Kunsill ħa d-deċiżjoni li jneħħi il-Bring In Site wara diversi rapport tal-użu illeċitu tagħhom u l-abużi li kien isiru. Iżda, wara dan il-Kunsill ra li jżid ġabra kull xahar tal-prodoti tal-ħġieġ, fejn issa dan qed jinġabar min wara l-bieb darbtejn fix-xahar.

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

Tkompla is-servizz tal-Ġbir ta' skart goff (il-bulky refuse) li jigbor skart kbir bhalma huma Ghamara u appliances goffi, direttament mid-djar residenzjali.

Tkompliet wkoll il-faċilita' għar-rimi ta' skart ellettriku u elletroniku (mgharuf bhala WEEE) kif ukoll post fejn wiehed jista' jarmi tubi, bozzoz, batteriji u skart ta' natura teknologika oħra, dan kien suċess kbir u li ffranka tunnellati ta' dan it-tip ta' skart li jiġi mormi b' metodi mhux konformi mal-ħarsien tal-ambjent.

Saru ukoll diversi clean-ups madwar l-imġarr. Waħda mill-aktar riċenti saret miz-zona ta' Ras il-Ġebel. Din l-innizzjattiva saret minn diversi għaqdiet tal-lokal u wieħed ta' min jammira is-sens ċiviku ta' dawk kollha li joffru il-ħin tagħhom għal dawn it-tip ta' inizzjattivi.

**Tal-Facciol**
Matul dawn l-aħħar xhur ingħata bidu għax-xogħol fiż-żona magħrufa bħala Tal-Facciol, fejn fiha, il-Kunsill ser ikun qed jagħmel mixtla komunitarja ta' pjanti u siġar. Ser jiġu installatti serrer, b' ġiebja kbira taħthom u titjieb tal-arja kollha. Għall-dan il-proġett, il-Kunsill irċieva fondi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali imma il-biċċa il-kbira tal-fondi qed ikunu maħruġa mir-riserva finanzjarja tal-Kunsill stess.

**TOROQ RURALI MIŻURA 4.3**
Il-Kunsill applika b' suċċess għall-fondi Ewropej biex jirranġa numru ta' toroq rurali li jintużaw mil-bdiewa lejn l-egħlieqi tagħhom. Il-Kunsill ġab aktar minn 100,000 Ewro għall-dan il-proġett mill-Fond Ewropew tal-Iżvillupp Rurali magħruf bħala ERDF taħt il-Miżura 4.3.

**Outdoor Gym**
Matul l-ewwel xhur tas-sena, il-Kunsill applika b' suċċess għall-skema finanzjarja tad-Dipartiment biex iħajjar aktar attivita' fiżika fost ir-residenti. B' dan l-iskop, il-Kunsill ikkonverta 4 zoni fil-Housing Estate f' outdoor gym bl-installazzjoni ta' diversi makkinarji fejn wieħed jista' jittrenja fl-apert, x' ħin irid, u mingħajr ħlas. Ġiet irranġata l-art kif ukoll ġew installati dawl ġdid b' konsum effiċċjenti. Għal-darb oħra tajjeb li nsemmu li għalkemm il-Kunsill qed jirċievi finanzjament dwar dan, il-parti l-kbira tal-ispiża ser tkun qed tiġi mħallsa mill-riserva finanzjarja tal-Kunsill stess għall-ġid tal-kommunita.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

**Aċċess għat-Tempji ta' Skorba u ta' Haġrat**

Il-Kunsill Lokali kompla jtejjeb u joffri s-servizz tiegħu fil-bejgħ ta' biljetti għat-tempji ta' Skorba u ta' Haġrat. B'hekk dawn it-tempji ta' Wirt Storiku Dinji ma baqgħux jinfetħu biss għal ftit ħin matul il-ġimgħa imma sar għandhom ħinijiet aktar aċċessibbli. Jinbiegħu ukoll combo tickets u biljetti oħra li jħajjru studenti u anzjani biex iżuru dawn il-postijiet storiċi bi' ħlas immnaqqas.

**WIRT AGRIKOLU**

Saru ukoll ativitajiet marbuta mal-wirt agrikolu li l-Imġarr u mgħoni bih u li għalih u msemmi ma' Malta kollha. Matul ix-xhur tas-sajf ġew imtella' Wirja agrikola ta' inġenji antiki f' Tas-Santi kif ukoll il-Lejla Mġarrija li ta' kull sena tiċċelebra dan l-aspett tant marbut mal-Imġarr.

**Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani**

Is-Servizz tad-Day Care Centre ospitat fil-bini tal-Kunsill kompla jissaħħaħ u matul din is-sena kompla jinfetaħ darbtejn fil-ġimgħa, jiġifieri nhar tat-Tlieta kif ukoll nhar ta' Ġimgħa.
L-anzjani ikollhom diversi avveniment biex jiġu assikurati minn anżjanita' ħolistika u attiva, fosthom diskussjonijiet, tagħlim, ħruġ edukattiv, parteċipazzjoni fi' sport, crafts, festini u aktar.

**TILQIMA U SERVIZZI MEDIĊI**

Il-Kunsill offra għal-darb' oħra is-servizz biex l-anzjani tal-lokal jingħataw il-vaċċin tal-influwenza hekk kif tkun qed toqrob ix-xitwa. Ħafna residenti għamlu użu minn dan is-servizz.

Kif qed nitkellmu fuq servizzi mediċi, wieħed tajjeb li jsemmi li il-Kunsill ikkoordina visti tal-Blood Donation Unit fil-lokalita' maċ-Ċentru Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm. Kellna wkoll il-Mobile Dental Unit li agħmlet check-ups b' xejn fil-lokalita'.

**Kooperazzjoni Socjo-Kulturali**

Il-Kunsill ghandu d-dover li jaghmel hiltu sabiex ikun hemm kooperazzjoni fil-qasam socjali, artistiku u kulturali tal-lokalita.

Dis-sena, il-Kunsill ikkoppera mas-socjeta filarmonika Marija mtella s-sema tal-Imgarr sabiex itella serata ta’ Drama u mużika sagra għall-Gimgha Mqaddsa li saret fil-Knisja Parrokkjali.

Il-kunsill ħadem f’ koordinament mar-Reġjun Tramuntana biex jitellgħu kemm l-International Folk Festival fuq iz-Zuntier kif ukoll l-International Choir Festival fil-Knisja Parrokkjali. Ta’ min issemmi li it-tieni edizzjoni tal-Choir Festival se jsir għada fil-Knisja Parrokkjali u kullħadd hu mistieden għall-din l-attivita’.

Il-Kunsill bhal kull sena, kellu rwol centrali fil-preparamenti tal-festa tal-Patruna taghna, Santa Marija, biex din il-festa tkun wahda li taghmel unur lill-Imgarrin kif ukoll tressaqna lkoll lejn l-aspett religjuz li ghalija ssir celebrazzjoni bhal-din.

**Kooperazzjoni**

Il-Kunsill għandu relazzjoni tajba u ta’ kooperazzjoni mal-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u prattikament dejjem jassigura li jkun hemm preżenza tajba mill-Kunsill fil-laqgħat, sezzjonijiet plenarji u konferenza li jsiru mill-AKL. Barra minn hekk, il-Kunsill huwa rappreżentat fuq ir-Reġjun Tramuntana peremezz tas-Sindku li jokkuppa ukoll il-kariga ta’ Viċi-President tal-istess Reġjun.

**Kuntatt mar-Residenti**

Il-Kunsill iżomm kuntatt dirett mar-residenti permezz ta' diversi leaflets informattivi fir-residenti. Ħafna drabi, din l-informazzjoni issir 'in house' mill-membri tal-istaff, u ta' dan nirringrazzjawhom.

Barra minn hekk, il-Kunsill iżomm kuntatt ukoll permezz tal-paġna ta' facebook. Din il-paġna isservi ta' notice board għall-dak kollu li jkun qiegħed iwettaq il-Kunsill kif ukoll sabiex ir-residenti ikunu jistgħu jikkuntaattjaw lill-Kunsill. Ta' min isemmi li din il-paġna għandha aktar kważi persuna li jsegwuha u li jitwasslilom tgħarif siwi fuq bażi regolari.

**Sports**

Il-Kunsill kompla jagħti is-sapport tiegħu lill-għaqdiet sportivi tal-lokalita'. Fl-istess ħin ukoll il-Kunsill ospita għadd ta' tlielaq sportivi, fosthom tlielaq tal-karozzi fit-telgħa tal-Ġnejna, tlielaq tar-roti waqt it-Tour ta' Malta li jsir f' April, parti mill-kampjonat nazzjonali tat-Off Road Triathlon kif ukoll, il-Kampjonat Nazzjonali tal-Mountain Running kif ukoll żewġ itlielaq tal-kampjonat nazzjonali tal-Mountain Bike. F' Jannar, il-Ġnejna ingħatat il-bidu għall-ewwel edizjoni tal-Winter Triathlon Challenge organizzata bis-support tar-Reġjun Tramuntana.

**Servizzi offruti fil-Kunsill**

Il-Kunsill qed jinnota żieda fin-numru ta' persuni li javviċinaw il-Kunsill għall-ilmenti u suġġerimenti tagħhom. Dan juri fiduċja fix-xogħol tal-Kunsill, li kull ma jmur qed jiżdied. Numru ta' servizzi li llum indraw bħal ġbir ta' skart goff u ġbir ta' skart riċiklat qed ikun ta' utilita' kbira għar-residenti. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-pubbliku biex jikkolabora fir-riċiklaġġ ta' skart għal ġid tal-ambjent u sabiex niffrankaw fondi li jintużgħaw biex jintrema' l-iskart. Għal-dan il-għan, il-Kunsill reġa għall-darb oħra, qassam kalendarju dwar il-ġbir tal-iskart fil-btajjel pubbliċi għas-sena li tkun għada kemm bdiet, biex il-familji ikunu jistgħu jippjanaw bil-quddiem.

**Haddiema Klerikali**

Matul is-sena il-ħaddiema klerikali tal-Kunsill komplew bil-ħidma fejjieda tagħhom ta' kuljum. Huma jirċievu l-ilmenti u s-suġġerimenti taċ-ċittadini, jiġbru l-informazzjoni għall-amministrazzjoni tal-Kunsill, jinvolvu ruħhom fil-finanzjamenti, ibiegħu biljetti għas-siti preistoriċi tal-Imġarr, joħorġu il-permessi għall-makkinarju fit-toroq, tħaffir ta toroq, attivitajiet u avvenimenti fil-Ġnejna u Għajn Tuffieħa kif ukoll jaqdu lil kull minn iżur l-uffiċċju u jieħdu ħsieb komunikazzjoni effettiva bejn il-Kunsill, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, l-entitajiet varji, u l-membri tal-Kunsill.

**Tenders**

Fl-aħħar xhur ħargu 3 sejhiet għall-offerti ta' xogħol u prodotti : Wieħed għas-servizz tal-knis u indafa fit-toroq urbani, wieħed għal-manutenzjoni

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

tat-toroq rurali u l-ieħor għall-konkrete, briks u materjali simili ieħor. Dan isir biex il-Kunsill ikollu proċess trasparenti u mingħajr indħil ta' xiri ta' prodotti u servizzi kif ukoll sabiex jiġi assigurati li tali xiri ikun bl-aktar prezz vantaġġjuż għall-kunsill biex b' hekk il-flus jiġu amministrati b' mod aktar effiċjenti.

**Finanzji**
Fl-2019, il-Kunsill kompla jirreġistra tisħiħ tal-finanzi tiegħu u dan issa saret ir-regola għal-Kunsill tagħna. Bi' pjaċir insemmi li sa' mill-2010 l' hawn, jiġifieri dan l-aħħar 9 snin, il-Kunsill Lokali qatt ma spiċċa la f' deficit u lanqas f' sitwazzjoni finanzjarja imwegħra.

**Konklużjoni**
Dan ir-rapport jiġbor fih numru ta' proġetti u inizzjattivi importanti li saru matul din is-sena, u bl-ebda mod ma jsemmi x-xogħol kollu li jwettaq mill-Kunsill. Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lis-Sindku u l-Kunsilliera tax-xogħol siewi li jwettqu biex dan kollu jkun possibbli għal ġid ta' dan ir-raħal u tal-kooperazzjoni fejjieda li dejjem insib mingħandhom. Nirringrazzja wkoll lill-membri tal-istaff għall-ħidma bla heda tagħhom għall-ġid tal-kommunita' u lill-Imġarrin li jikkopperaw magħna biex inżommu dan il-raħal bħala ġojell uniku u eżemplari fil-Gżejjer Maltin.

Cyprian Dalli
**Segretarju Eżekuttiv**